MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1098/2007

**FinPro Limited**

**Vs**

**Diana Margaret Cardona et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li bih s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-intimati in solidum bejniethom huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tlieta u tletin elf tminn mija erba u sittin Liri Maltin u seba u hamsin centezmu (Lm33, 864.57) (ekwivalenti ghal €78,883.23) rapprezentanti

kwantu ghal LM 18,211.50 li huwa dejn li kien dovut mill-intimati lil Casa Antonia Limited in konnessjoni ma servizz ta’ akkomodazzjoni favur taghhom gewwa « Casa Antonia » u kif ukoll spejjez u servizzi ancillari ghall-istess u dan ghall-perijodu minn Ottubru 2006 sa April 2007 u kwantu ghall LM 15, 653.07c li huwa dejn li kien dovut mill-intimati lill-istess Casa Antonia Limited in konnessjoni ma servizz ta’ akkomodazzjoni favur taghhom gewwa « Casa Antonia » u servizzi ancillari u dan ghall-perijodu minn Mejju 2007 sat-30 ta’ Ottubru, 2007, liema djun gew imhallsa mir-rikorrenti lill-istess Casa Antonia Limited b’mod illi r-rikorrenti akkwistat minghand is-socjeta` Casa Antonia Limited id-drittijiet kollha li l-istess Casa Antonia Limited kellha fil-konfront tal-istess intimati ghall-hlas tal-ammonti sudetti in konnessjoni mas-servizz ta’ akkomodazzjoni, spejjez u servizzi ancillari sudetti.

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut skond il-ligi u huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimati lis-socjeta` attrici ;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati b’ittra ufficjali datata 10t’Ottubru, 2007 u debitament notifikata lilhom permezz ta’ liema ittra ufficjali huma gew mgharrfa illi ghall-finijiet w effetti kollha tal-Ligi u senjatament ghall-finijiet tal-artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-rikorrenti giet assenjata d-drittijiet kollha li l-istess Casa Antonia Limited kellha fil-konfront taghhom u mitluba sabiex ihallsu d-dejn sudett dawn baqghu inadempjenti ;

Illi s-socjeta` rikorrenti taf li l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet ossia risposti validi x’jaghtu kontra din it-talba ;

Illi ghalhekk kellu jigi intavolat ir-rikors guramentat .

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi ;

Tordna d-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlieta u tletin elf tminn mija erba u sittin Liri Maltin u seba u hamsin centezmu (Lm33,864.57) (ekwivalenti ghal €78883.23) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 t’Ottubru, 2007 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghall-konvenuti.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------